MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tat-18 ta' Awwissu, 2011

Mandat Numru. 155/2011/1

**Sonia Said bint Anthony Aquilina u Emanuela Debono, imwielda Pieta` u residenti Bahar ic-Caghaq**

**vs**

**John maghruf bhala Johann Said (I.D. Nru. 309470 (M)), direttur, iben Publius Said u Joyce nee` Attard, imwieled il-Pieta` u residenti Bahar ic-Caghaq**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors datat is-7 ta’ Lulju, 2011, li permezz tieghu r-rikorrenti Sonia Said talbet il-hrug tal-mandat t’inibizzjoni de quo stante li ssostni li qed tibza serjament li l-intimat jista’ jitrasferixxi proprjeta` immobbli u b’hekk, jippregudika d-drittijiet tar-rikorrenti b’mod irrimedjabbli;

Rat id-digriet preliminari taghha datat is-7 ta' Lulju, 2011, li permezz tieghu laqghet provizorjament ir-rikors promotur u appuntat l-istess rikors ghas-smiegh ghall-udjenza fih indikata;

Rat il-verbal datat il-11 ta' Lulju, 2011, fejn il-procedura de quo giet differita ghad-data hemm indikata ghan-notifika;

Rat ir-risposta tal-intimat John maghruf bhala Johann Said datata d-19 ta' Lulju, 2011, li permezz taghha rribatta sintetikament li t-talba tar-rikorrenti hi frivola u vessatorja, u allura m'ghandhiex tibqa' fis-sehh;

Rat id-dokumenti annessi;

Semghet lir-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-procedura, tenut kont tal-fatt li tat ukoll l-opportunita` lill-kontendendi biex jasslu ghal ftehim bonarju, liema opportunita` irrizultat inutili;

U wara li jirrizultalha evidenti li d-drittijiet tar-rikorrenti jistghu jigu irrimedjabbilment mikusra kemm –il darba ma jintlaqax ir-rikors odjern;

Tiddeciedi li tikkonferma d-digriet precedenti taghha b'mod permanenti, bl-ispejjez kontra l-intimat.

___________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------